MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1216/2012

**Mary Mifsud**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Mary Mifsud ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2012 li permezz tiegħu ġie premess illi:

L-attriċi twieldet ġewwa l-Pieta' fid-disgħa (9) ta' Mejju 1951, liema twelid ġie debitament reġistrat u ngħata n-numru ta' skrizzjoni 4158/1951, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok MM1';

Fuq l-Att tat-Twelid, l-attriċi ngħatat l-isem ta' 'Mary' bħala wieħed mill-ismijiet mogħtija u kif ukoll bħala l-isem li bih kellha tiġi msejħa;

Kif se jidher fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawża, tul ħajjitha kollha l-attriċi dejjem użat għaliha, u dejjem ġiet konsistentement imsejħa mill-familjari, ħbieb u konoxxenzi tagħha bl-isem 'Maureen', u dan ukoll għaliex dan kien l-isem illi l-ġenituri tagħha riedu jagħtuha;

*Stante* illi din is-sitwazzjoni toħloqilha nkonvenjent, l-attriċi għandha interess illi l-Att tat-Twelid ikun jirrifletti l-isem li hi konsistentement użat u wżaw għaliha l-familja tagħha, minflok l-isem li jidher fuq l-imsemmi Att;

Għalhekk l-attriċi tixtieq li l-isem 'Maureen' jiġi reġistrat fuq l-Att tat-Twelid tagħha minflok l-isem 'Mary' li jidher fil-kollonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' u kif ukoll minflok 'Mary' fil-kolonna 'Ismijiet mogħtija', bl-istess tibdil jiġi wkoll rifless fl-atti tal-istat ċivili kollha riferibbli għaliha; dan a tenur tal-Artikolu 253 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Konsegwentement, u anke għall-finijiet ta' integrita' u kompletezza, l-attriċi tixtieq illi l-isem 'Maureen' jiġi reġistrat ukoll minflok l-isem 'Mary' fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru ta' skrizzjoni 2333/1974, u kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid ta' binha Dino Mifsud, bin-numru ta' skrizzjoni 3617/1976.

L-attriċi taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Billi l-attriċi dejjem użat għaliha, u dejjem ġiet konsistentement imsejħa familjari, ħbieb u konoxxenzi tagħha bl-isem 'Maureen', kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri *ai termini* tal-artikolu 253 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jgħid għalhekk, il-konvenut, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċassarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-attriċi kienet konsistement u għandha tkun magħrufa bl-isem 'Maureen';

2. Tordna lid-Direttur konvenut jirreġistra l-isem 'Maureen' fuq l-Att tat-Twelid tal-attriċi bin-numru ta' iskrizzjoni 4158/1951 minflok l-isem 'Mary' li jidher fil-kollonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' u kif ukoll minflok 'Mary' fil-kolonna 'Ismijiet mogħtija';

3. Tordna lid-Direttur konvenut jirreġistra l-isem 'Maureen' fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 2333/1974 minflok l-isem 'Mary' li jidher fir-ringiela intestata 'Il-mara miżżewġa';

4. Tordna lid-Direttur konvenut jirreġistra l-isem 'Maureen' fuq l-Att ta' Twelid ta' binha Dino Mifsud bin-numru ta' iskrizzjoni 3617/1976 minflok l-isem 'Maria' li jidher fir-ringiela 'L-omm';

5. Tordna wkoll lid-Direttur konvenut sabiex, jekk ikun il-każ, ir-reġistrazzjonijiet hawn fuq mitluba jiġu riflessi f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-attriċi u wkoll uliedha, u dixxendenti ulterjuri tagħha.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur konvenut, li jinsab minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-27 ta' Diċembru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Francis Lepre, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kienu anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-8 ta' Frar 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat Ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala **Maureen** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Dan japplika għat-talbiet l-oħra tal-attriċi *eccetto* għall-ħames talba billi l-Qorti ma tistax skond l-artikoli ġja' ndikati tordna tiswija ta' atti li ma jiġux speċifikament indikati. Ma jidhirx lanqas li l-konvenut kien b'xi mod jaħti għal dan in-nuqqas u kwindi m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba'**

**talbiet attriċi kif dedotti, iżda tiċħad il-ħames talba għar-raġuni fuq indikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------